KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 8.6.2011
KUMM(2011) 335 finali

2011/0146 (COD)

C7-0155/11

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## dwar l-istatistika Ewropea fuq is-sikurezza mill-kriminalità

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

# MEMORANDUM TA’ SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Miri u għanijiet tal-proposta**

Il-mira ta' din il-proposta hija li timplimenta stħarriġ tal-unitajiet domestiċi/individwi fl-Unjoni Ewropea, li jkopri s-sikurezza mill-kriminalità. Dan għandu jagħti informazzjoni dwar il-prevalenza ta' tipi speċifiċi ta' kriminalità (ir-rati tal-vittimizzazzjoni) u dwar aspetti oħra marbuta mas-sigurtà li jħossu ċ-ċittadini. L-istħarriġ jipprovdi addizzjoni utli għaċ-ċifri dwar il-kriminalità minn sorsi amministrattivi (bħar-rapporti tal-pulizija), li huwa magħruf kemm huma diffiċli biex jitqabblu bejn l-Istati Membri.

- **Il-kuntest ġenerali**

Il-Kunsill Ewropew enfasizza n-nuqqas ta' informazzjoni komparabbli fil-livell tal-UE dwar il-kriminalità fil-Programm ta' Hague fl-2005. B'risposta għal dan, il-Kummissjoni fasslet Pjan ta' Azzjoni 2006-2010 biex ittejjeb il-metodi biex tkejjel il-kriminalità, li kien jinkludi l-iżvilupp ta' stħarriġ tal-UE fost l-unitajiet domestiċi dwar il-vittimizzazzjoni mill-kriminalità. Il-Programm ta' Stokkolma (2009) enfasizza l-ħtieġa li dan ix-xogħol jiġi segwit b'implimentazzjoni prattika. Għalhekk, huwa propost li fl-2013, isir stħarriġ fil-livell tal-UE bbażat fuq il-metodoloġija li ftiehmu dwarha l-partijiet interessati.

- **Id-dispożizzjonijiet eżistenti dwar il-kwistjoni koperta mill-proposta**

Ma hemm l-ebda dispożizzjoni eżistenti dwar il-kwistjoni koperta mill-proposta.

- **Konsistenza ma' politiki u għanijiet oħra tal-UE**

Il-proposta għandha l-għan li tissimplifika s-sitwazzjoni kurrenti fejn ġew żviluppati għadd ta' stħarriġiet nazzjonali, kull wieħed minnhom bil-għan li jkejjel il-kriminalità u s-sikurezza fil-livell nazzjonali. Hemm probabbiltà kbira li se jiġu żviluppati stħarriġiet oħra bħal dawn mill-Istati Membri sakemm ma jingħatawx l-opportunità li jadottaw mudell komuni. Il-mudell, żviluppat b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, għandu jiżgura d-disponibbiltà ta' dejta komparabbli u jneħħi r-riskju potenzjali li jinħlew ir-riżorsi minn Stati Membri li jwettqu l-istess xogħol ta' żvilupp. Joffri l-vantaġġ li l-istatistika Ewropea tiġi ssimplifikata, kif deskritt fil-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-metodu tal-produzzjoni tal-istatistika tal-UE: viżjoni għall-għaxar snin li ġejjin. Il-mudell iħaddan il-prinċipji tal-Kodiċi tal-Prattika tal-Istatistika Ewropea marbuta mal-impenn għall-kwalità, metodoloġija tajba, effettività tal-ispejjeż, relevanza, preċiżjoni u affidabbiltà, koerenza u komparabbiltà.

Id-Deċiżjoni Nru 1578/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Diċembru 2007 dwar il-Programm Statistiku Komunitarju 2008 sal-2012[1] jipprovdi għall-iżvilupp tal-istatistika Ewropea dwar il-kriminalità u l-vittimizzazzjoni. Il-programm ta' ħidma annwali fl-istatistika għall-2011 jirreferi speċifikament għall-implimentazzjoni ta' stħarriġ tal-unitajiet domestiċi/individwi dwar il-vittimizzazzjoni tal-kriminalità.

---

[1] ĠU L 344, 28.12.2007, p. 15.

Sa issa, ma kienx hemm dejta minn stħarriġiet dwar il-kriminalità u s-sikurezza tal-individwi u l-unitajiet domestiċi għall-UE kollha kemm hi. Id-dejta amministrattiva dwar il-kriminalità (abbażi tar-rapporti tal-pulizija eċċ.) ilhom jinġabru fuq bażi informali u jiġu ppubblikati mill-2006. Huwa ġeneralment rikonoxxut li din id-dejta għandha komparabbiltà ristretta minħabba s-sistemi legali differenti u l-metodi tal-ġbir differenti fl-Istati Membri, u li l-potenzjal biex dawn id-diffikultajiet jingħelbu huwa limitat. Permezz ta' stħarriġ se jkun possibbli li tinġabar informazzjoni komparabbli abbażi ta' kwestjonarju u metodoloġija komuni.

Il-valur primarju tal-informazzjoni li għandha tinġabar permezz ta' dan l-istrument ta' statistika jinsab fil-qasam tal-ġustizzja u l-intern. Huwa tweġiba diretta għall-bżonnijiet politiċi li tlissnu fil-Programm ta' Hague u Stokkolma.

Qed isir dejjem iktar rikonoxxut li l-ħelsien mill-kriminalità u minn perċezzjonijiet ta' nuqqas ta' sigurtà huwa aspett importanti tal-benessri taċ-ċittadini. Ir-Rapport tal-Kummissjoni dwar il-Kejl tal-Prestazzjoni Ekonomika u l-Progress Soċjali (ir-'Rapport Stiglitz', 2009) argumenta li għandhom jiġu żviluppati indikaturi soċjali ġodda tal-benessri biex jibbilanċjaw il-kejl iktar tradizzjonali tal-progress ekonomiku, bħall-PGD. Huwa u jipproponi l-indikaturi tal-'kwalità tal-ħajja', ir-rapport indirizza kwistjonijiet bħall-perċezzjoni ta' sigurtà personali u esperjenzi ta' vittimizzazzjoni tal-kriminalità, u ddiskuta speċifikament ir-rwol tal-istħarriġiet eżistenti tal-unitajiet domestiċi fil-kejl ta' dawn il-fenomeni. Jekk ikun hemm stħarriġ tal-UE, din id-dimensjoni tkun tista' tiġi esplorata għall-Ewropa kollha kemm hi, b'mod koerenti u komparabbli.

## 2. IR-RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-ISTIMI TAL-IMPATT

- **L-iskambji/diskussjonijiet interni bejn is-servizzi tal-Kummissjoni**

Is-servizzi ewlenin ikkonċernati matul il-proċess ta' żvilupp kienu d-DĠ Ġustizzja, Ħelsien u Sigurtà (JLS) u l-Eurostat. Dan l-aħħar, id-DĠ HOME ħa fuqu r-rwol tad-DĠ JLS. Il-komunikazzjoni kienet frekwenti u regolari matul il-proċess ta' żvilupp, u kienet tinkludi diskussjonijiet bilaterali u wkoll attendenza reċiproka fil-laqgħat kollha mal-partijiet interessati elenkati hawn taħt.

- **Il-konsultazzjoni tal-partijiet interessati**

Twaqqaf Grupp ta' Esperti fil-kuntest tal-Pjan ta' Azzjoni 2006-2010 tal-Kummissjoni għall-kejl tal-kriminalità u l-ġustizzja kriminali. Dan kien fih esperti nazzjonali mill-Istati Membri kollha fil-qasam tal-ġustizzja u l-intern, kif ukoll esperti internazzjonali mil-qasam akkademiku, organizzazzjonijiet internazzjonali, eċċ. F'kull laqgħa annwali tal-Grupp ta' Esperti, ġew diskussi r-rekwiżiti tal-istħarriġ u l-indikaturi li għandhom jiġu prodotti. L-informazzjoni tqassmet permezz ta' websajt CIRCA apposta. Ġew esplorati kwistjonijiet dettaljati permezz ta' konsultazzjonijiet tal-grupp bil-miktub.

Abbażi ta' kwestjonarju ċċirkolat lill-membri tal-Grupp ta' Esperti, ġiet ikkompilata lista ta' indikaturi ewlenin, li tinkludi l-frekwenza tar-referenzi u l-importanza relattiva tagħhom. Dawn l-indikaturi inkludew għadd ta' kwistjonijiet 'tradizzjonali' (serq -minn ġod-djar eċċ, u personali-, vjolenza fiżika, eċċ) kif ukoll żviluppi iktar riċenti, bħall-kriminalità permezz tal-kompjuter u tipi varji ta' frodi. Kwistjonijiet oħra involvew il-perċezzjonijiet pubbliċi tal-kwistjonijiet ta' sigurtà u s-sensazzjoni ta' sikurezza. Dawn l-indikaturi kienu parti ċentrali

mill-proċess ta' żvilupp u ġew aġġornati kif meħtieġ permezz ta' proċess regolari ta' konsultazzjoni.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Inkiseb għarfien espert minn għadd ta' esperti internazzjonali skont proċeduri għal sejħa għall-offerti. Dawn inkludew l-aġenzija tal-NU HEUNI, li fasslet il-kwestjonarju inizjali, u l-fundaturi tal-International Crime Victims Survey (ICVS), li kien l-uniku attentat li sar qabel biex jiġi stabbilit stħarriġ internazzjonali tal-kriminalità. Inżammet kollaborazzjoni mill-qrib ukoll mal-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti għad-Drogi u l-Kriminalità (UNODOC) u l-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UNECE), li kienu mexxew proċess simili fuq livell internazzjonali.

Il-kunċett metodoloġiku tmexxa mill-grupp ta' ħidma tal-Eurostat dwar l-istatistika tal-kriminalità u l-iżvilupp dettaljat ġie fdat f'idejn task force ta' Stati Membri. Dan għamel disponibbli l-esperjenza li diġà akkwistaw dawk il-pajjiżi (madwar għaxra) li diġà wettqu stħarriġiet nazzjonali.

Barra minn laqgħat regolari, l-informazzjoni ġiet iċċirkolata permezz ta' websajt CIRCA apposta. Id-Diretturi Ewropej tal-Kumitat dwar l-Istatistika Soċjali u s-Sistema Ewropea tal-Istatistika ġew informati regolarment bl-istat tal-progress.

Il-metodoloġija adottata kienet ibbażata ħafna fuq dik stabbilita fil-manwal tan-Nazzjonijiet Uniti, li kkontribwew għalih il-Eurostat u għadd ta' Stati Membri tal-UE wkoll. Il-mudell propost għall-istħarriġ ġie sperimentat fl-2008-2009 f'16-il Stat Membru, b'appoġġ mill-għotjiet ta' azzjoni tal-Kummissjoni.

Ir-riżultati tal-eżerċizzji pilota ġew evalwati mill-esperti internazzjonali u ngħataw lill-grupp ta' ħidma u lit-task force. Il-mudell propost ġie aġġustat fid-dawl ta' dawn l-esperjenzi f'serje ta' laqgħat u konsultazzjonijiet matul l-2010.

- **Analiżi tal-effetti u l-implikazzjonijiet**

L-istħarriġ propost dwar il-kriminalità u s-sikurezza għall-ewwel darba se jagħmel disponibbli informazzjoni minn kull Stat Membru dwar tema li hija ta' importanza ċentrali għall-kwistjonijiet politiċi tal-UE. L-użu ta' metodoloġiji u formati tar-rapporti komuni se jipprovdu dejta li se tkun koerenti, komparabbli u, għalhekk, relevanti għall-utenti fil-livell Ewropew u wkoll dak nazzjonali. L-Istati Membri se jkollhom rwol ewlieni f'dan l-eżerċizzju permezz tal-involviment tal-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika, li għandhom proċeduri li ilhom stabbiliti għall-ġbir u l-ipproċessar tad-dejta tal-istħarriġiet.

## 3. L-ASPETTI LEGALI TAL-PROPOSTA

- **Taqsira tal-azzjoni proposta**

L-għan ta’ dan ir-Regolament hu li jistabbilixxi qafas komuni għall-produzzjoni ta’ statistika Ewropea dwar is-sikurezza mill-kriminalità, permezz tal-ġbir, il-kumpilazzjoni, l-ipproċessar u t-trażmissjoni mill-Istati Membri ta’ dejta Ewropea armonizzata dwar il-kriminalità u s-sikurezza abbażi ta' stħarriġ tal-unitajiet domestiċi/individwali.

- **Bażi legali**

L-Artikolu 338 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jistipula l-bażi legali għall-istatistika Ewropea. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, huma u jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, jadottaw il-miżuri għall-produzzjoni tal-istatistika, fejn ikun meħtieġ, għat-twettiq tal-attivitajiet tal-Unjoni. Dan jistabbilixxi r-rekwiżiti li għandhom x'jaqsmu mal-produzzjoni tal-istatistika Ewropea, u jistqarr li għandha tkun konformi mal-livelli ta' imparzjalità, affidabbiltà, oġġettività, indipendenza xjentifika, effettività fl-infiq u kunfidenzjalità statistika. Dan ma għandux ifisser piż eċċessiv fuq l-operaturi ekonomiċi.

- **Prinċipju tas-sussidjarjetà**

Il-prinċipju tas-sussidjarjetà japplika sakemm il-proposta ma taqax taħt il-kompetenza esklussiva tal-Unjoni Ewropea.

L-għanijiet tal-proposta ma jistgħux jintlaħqu sew mill-Istati Membri għar-raġuni li ġejja.

> Wieħed mill-kwistjonijiet ewlenin tal-kwalità tal-istatistika hija l-koerenza u l-komparabbiltà. L-Istati Membri ma jistgħux jiksbuhom sa livell suffiċenti mingħajr qafas Ewropew ċar, jiġifieri leġiżlazzjoni tal-UE li tistabbilixxi kunċetti komuni tal-istatistika, formati komuni għar-rapporti u rekwiżiti komuni tal-kwalità. Għal dan il-għan, qed jiġi propost mudell għal stħarriġ dwar il-kriminalità u s-sikurezza. Dan se jinkludi lista ta' varjabbli li għandhom jiġu inklużi, u mudell ta' kwestjonarju.

Azzjoni mill-Istati Membri waħedhom taffettwa ħażin l-interessi tal-Istati Membri għar-raġuni li ġejja.

> Il-biċċa l-kbira tal-pajjiżi li għad ma għandhomx stħarriġiet nazzjonali dwar il-kriminalità u s-sikurezza jixtiequ jiżviluppaw dawn l-istrumenti għal skopijiet politiċi. Li kieku kellhom kollha jiżviluppaw l-istħarriġiet tagħhom, dan jirriżulta f'metodoloġiji differenti u kwestjonarji differenti. Dan ikun ifisser li r-riżultati ma jkunux jistgħu jitqabblu fil-livell tal-UE. L-Istati Membri stess huma ħerqana li jkunu f'pożizzjoni fejn ikunu jistgħu jagħmlu tqabbil bejniethom u ma' pajjiżi oħra tal-UE. In-nuqqas ta' qafas Ewropew komuni bl-użu ta' kunċetti u formati tar-rapporti komuni jista' jipperikola jew jelimina kompletament il-possibbiltà li tiġi skambjata statistika komparabbli.

L-azzjoni fil-livell tal-Unjoni Ewropea se tikseb aħjar l-għanijiet tal-proposta għar-raġuni(jiet) li ġejja/ġejjin.

> L-għanijiet tal-proposta jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni Ewropea abbażi ta' att legali Ewropew billi l-Kummissjoni biss tista' tikkoordina l-armonizzazzjoni tal-istatistika fil-livell tal-UE. Madankollu, il-ġbir tad-dejta u l-kompilazzjoni ta' statistika komparabbli dwar is-sikurezza mill-kriminalità tista' tiġi organizzata mill-Istati Membri bl-użu tal-aħjar sorsi u metodi biex tiġi pprovduta l-informazzjoni meħtieġa. L-UE tista' għalhekk tieħu azzjoni għal dan il-għan skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà, kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat.

L-għan tal-proposta huwa li jiġu armonizzati l-kunċetti, is-suġġetti koperti u l-karatteristiċi tal-informazzjoni rikjesta, il-kopertura, il-kriterji tal-kwalità u l-iskadenzi għall-għoti tar-rapporti u r-riżulati, biex tinkiseb statistika Ewropea relevanti, f'waqtha, komparabbli u koerenti.

L-Istati Membri se jiġbru d-dejta bl-oqfsa nazzjonali tagħhom għat-teħid tal-kampjuni, u se jagħżlu wkoll il-mod kif isiru l-intervisti (intervisti wiċċ imb'wiċċ, bit-telefown, bil-posta, bl-internet, eċċ.) konformi mal-prassi nazzjonali stabbilita.

Il-proposta għaldaqstant tikkonforma mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

- **Prinċipju tal-proporzjonalità**

Il-proposta taqbel mal-prinċipju tal-proporzjonalità għar-raġunijiet li ġejjin.

Ir-Regolament huwa limitat għall-minimu rikjest biex jikseb l-objettiv tiegħu u ma jmurx lil hinn minn dak li hu neċessarju għal dak l-iskop.

Jipproponi l-introduzzjoni ta' stħarriġ ġdid fejn ikun hemm bżonn, iżda jippermetti lill-Istati Membri li jissodisfaw ir-rekwiżiti billi jimmodifikaw stħarriġiet nazzjonali eżistenti.

- **Għażla tal-istrumenti**

L-istrument propost: Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Mezzi oħra mhumiex xierqa għar-raġunijiet li ġejjin.

L-għażla tal-istrument tiddependi fuq l-għan leġiżlattiv. Fid-dawl tal-bżonnijiet għall-informazzjoni fil-livell Ewropew, ix-xejra tal-istatistika Ewropea hija li jintużaw regolamenti minflok direttivi bħala l-atti bażiċi. Regolament huwa preferibbli billi jistipula l-istess liġi fl-Unjoni Ewropea kollha, u b'hekk ikun żgurat li l-Istati Membri japplikawha b'mod sħiħ u koerenti. Huwa applikabbli direttament, u dan ifisser li ma hemmx bżonn li jiġi traspost fil-liġi nazzjonali. Bil-maqlub ta' dan, id-direttivi, li għandhom għan li jarmonizzaw il-liġijiet nazzjonali, jorbtu l-Istati Membri fir-rigward tal-objettivi, iżda jħalluha f'idejn l-awtoritajiet nazzjonali biex jagħżlu l-mod kif jiksbu dawn l-objettivi. Jeħtieġu wkoll li jkunu trasposti fil-liġi nazzjonali. L-użu ta’ regolament huwa konformi ma' atti legali Ewropej oħra dwar l-istatistika li ġew addottati mill-1997 'l hawn.

## 4. IMPLIKAZZJONI TAL-BAĠIT

Il-proposta timplika nefqa ta' EUR 12-il miljun fl-2012 mill-baġit tal-UE.

Il-proposta tirrikjedi li l-Istati Membri jiżviluppaw stħarriġiet ġodda (jew f'xi każi, li jadattaw stħarriġiet eżistenti). L-iżvilupp metodoloġiku involut jiswa ħafna flus, u barra minn hekk, l-istħarriġiet soċjali dejjem ikunu għalja minħabba l-ħtieġa li jitħallsu s-salarji ta' dawk li jwettqu l-intervisti, l-ispejjeż għall-ivvjaġġar, eċċ. Il-prijorità politika mogħtija liż-żona ta' ħelsien, sigurtà u ġustizzja fil-Programm ta' Stokkolma tippermetti li sa 90 % tal-ispejjeż eliġibbli tal-Istati Membri jiġu koperti mill-baġit tal-UE.

## 5. TAGĦRIF ADDIZZJONALI

- **Tħassir tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

L-adozzjoni tal-proposta mhijiex sejra twassal għar-revoka ta' leġiżlazzjoni eżistenti.

- **Żona Ekonomika Ewropea**

L-att propost jikkonċerna kwistjoni taż-ŻEE u għalhekk għandu jestendi għaż-Żona Ekonomika Ewropea.

2011/0146 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar l-istatistika Ewropea fuq is-sikurezza mill-kriminalità**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 338(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tas-Superviżur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta[2],

Huma u jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Il-Kunsill Ewropew jikkonferma fil-Programm ta' Hague[3] il-prijorità li jagħti lill-iżvilupp ta' żona ta' ħelsien, sigurtà u ġustizzja, b'reazzjoni għat-tħassib ċentrali tal-popli tal-Istati li ngħaqdu flimkien fl-Unjoni, u f'dak il-Programm jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni biex tistabbilixxi l-istrumenti Ewropej għall-ġbir, l-analiżi u t-tqabbil tal-informzzjoni dwar il-kriminalità u l-kwistjonijiet ta' sikurezza fl-Istati Membri. Huwa ta l-kompitu lill-Kummissjoni (Eurostat) biex tiddefinixxi u tiġbor id-dejta mill-Istati Membri.

(2) L-iżvilupp ta' strument tal-istatistika biex ikejjel it-tħassib dwar is-sikurezza huwa wieħed mill-għanijiet primarji tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Unjoni 2006-2010 dwar l-iżvilupp ta' strateġija komprensiva u koerenti tal-Unjoni biex jitkejlu l-kriminalità u l-ġustizza kriminali, propost mill-Kummissjoni biex jinkisbu l-għanijiet stipulati fil-Programm ta' Hague.

(3) Il-Programm ta' Stokkolma[4] jenfasizza l-impenn tal-Kunsill Ewropew għal Ewropa miftuħa u sikura li taqdi u tipproteġi ċ-ċittadini tagħha, u tistieden lill-Kummissjoni biex tkompli tiżviluppa għodda tal-istatistika biex ikejlu l-kriminalità u l-attivitajiet kriminali u biex jiġu żviluppati iktar l-azzjonijiet deskritti u parzjalment implimentati

---

[2] ĠU C […], […], p. […].
[3] ĠU C 53, 3.3.2005, p. 1.
[4] ĠU C 115, 4.5.2010, p. 1.

fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Unjoni 2006-2010, fid-dawl tal-bżonn ikbar ta' din l-istatistika f'għadd ta' oqsma li jirrigwardaw il-ħelsien, is-sigurtà u l-ġustizzja. Barra minn hekk, skont is-Sitt Programm ta' Qafas adottat mid-Deċiżjoni Nru 1513/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li tikkonċerna s-sitt programm kwadru tal-Komunità Ewropea dwar l-attivitajiet ta' riċerka, l-iżvilupp tekonoloġiku u dimostrazzjoni li jikkontribwixxu għall-ħolqien taż-Żona Ewropea tar-Riċerka u għall-innovazzjoni (mill-2002 sa l-2006)[5] u s-Seba' Programm ta' Qafas adottat mid-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2007-2013)[6], il-Kummissjoni ffinanzjat għadd ta' proġetti tar-riċerka dwar il-perċezzjonijiet tas-sikurezza u l-fiduċja fis-sistemi tal-pulizija u tal-ġustizzja, li għandhom jitqiesu.

(4) L-isforz involut għall-Istati Membri biex jiżviluppaw l-għodod neċessarji tal-istatistika għall-kejl tal-kriminalità u l-ġustizzja kriminali, u n-nefqa li jirrikjedi dan il-proċess, huma tali li jixraq kontribut finanzjarju mill-baġit tal-Unjoni ta' massimu ta' 90 % tal-ispejjeż eliġibbli.

(5) Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-istatistika Ewropea[7] jipprovdi qafas ta' referenza għall-produzzjoni tal-istatistika Ewropea, li jinkludi proċedura għall-għoti ta' għotjiet lill-awtoritajiet nazzjonali fl-Artikolu 5. B’mod partikolari, dan jirrikjedi konformità mal-prinċipji ta’ indipendenza professjonali, imparzjalità, oġġettività, affidabbiltà, kunfidenzjalità tal-istatistika u nfiq effettiv.

(6) Dan ir-Regolament jiggarantixxi d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja u l-ħarsien tad-dejta personali, kif stabbilit fl-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea[8].

(7) Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta’ Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta’ individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta’ dejta personali u dwar il-moviment liberu ta’ dik id-dejta[9] u r-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta’ individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta’ dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta’ dik id-dejta[10] għandhom japplikaw fil-kuntest ta’ dan ir-Regolament.

(8) Fil-produzzjoni u t-tixrid tal-istatistika Ewropea skont dan ir-Regolament, l-awtoritajiet tal-istatistika nazzjonali u l-Kummissjoni (Eurostat) għandhom iqisu l-prinċipji stipulati fil-Kodiċi tal-Prassi Ewropea tal-Istatistika adottat mill-Kummissjoni fir-Rakkomandazzjoni tagħha fil-25 ta' Mejju 2005 dwar l-indipendenza, l-integrità u r-responsabbiltà tal-awtoritajiet tal-istatistika nazzjonali u Komunitarji.

---

5 ĠU L 232, 29.8.2002, p. 1.
6 ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1.
7 ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164.
8 ĠU C 303, 14.12.2007, p. 1.
9 ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.
10 ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

(9) Billi l-għanijiet ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jistabbilixxi qafas legali komuni għall-produzzjoni tal-istatistika Ewropea dwar is-sigurtà mill-kriminalità bil-ġbir tal-informazzjoni abbażi ta' kampjun ta' persuni, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u, għalhekk, minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni, jistgħu jinkisebu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà, kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu neċessarju sabiex jinkiseb dan l-għan.

(10) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, is-setgħat tal-implimentazzjoni għandhom jingħataw lill-Kummissjoni għall-arranġamenti prattiċi għall-iskambju tal-mikrodejta, għall-modalitajiet u għall-istruttura dettaljata tar-rapporti tal-kwalità kif ukoll għall-iskema tal-kodifikazzjoni tad-dejta. Dawn is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni[11].

(11) Is-Superviżur Ewropew tal-Protezzjoni tad-Dejta u l-Kumitat Ewropew tas-Sistema tal-Istatistika ġew ikkonsultati.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT

*Artikolu 1*

**Suġġetti**

Dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas għall-iżvilupp, il-produzzjoni u t-tqassim ta' statistika Ewropea komparabbli dwar is-sikurezza mill-kriminalità bbażata fuq stħarriġ tal-unitajiet domestiċi jew tal-individwi.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) 'unità domestika' tfisser persuna li tgħix waħidha jew grupp ta' nies li jgħixu flimkien fl-istess abitazzjoni privata u li jaqsmu l-ispejjeż, kif ukoll jikkontribwixxu għall-provvedimenti essenzjali għall-għixien; din id-definizzjoni ma tkoprix l-unitajiet domestiċi kollettivi bħal sptarijiet, djar tal-kura jew residenzjali, ħabsijiet, kwartieri militari, istituzzjonijiet reliġjużi, pensjonijiet jew hostels;

(b) "residenza abitwali" tfisser il-post li fih persuna normalment tqatta' l-perjodu tal-mistrieħ tagħha ta' kuljum, irrispettivament minn assenzi temporanji għal finijiet ta' rikreazzjoni, vakanzi, żjarat lill-ħbieb u l-qraba, negozju, kura medika jew pellegrinaġġi reliġjużi; jew, jekk tali dejta ma tkunx disponibbli, il-post tar-residenza legali jew reġistrata,

11 ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.

Il-persuni li ġejjin biss għandhom jiġu kkunsidrati bħala residenti abitwali taż-żona ġeografika kkonċernata:

(i) dawk li għexu fil-post tar-residenza abitwali tagħhom għal perjodu kontinwu ta' mill-inqas 12-il xahar qabel id-data ta' referenza; jew

(ii) dawk li jkunu waslu fil-post tar-residenza abitwali tagħhom fit-12-il-xahar qabel id-data ta' referenza bil-ħsieb li joqogħdu hemm mill-inqas għal sena.

Fejn iċ-ċirkostanzi deskritti fil-punt (i) jew (ii) ma jistgħux jiġu stabbiliti, "ir-residenza abitwali" għandha tfisser il-post ta' residenza legali jew reġistrata;

(c) 'sikurezza' tfisser il-perċezzjoni taċ-ċittadini ta' sigurtà mit-theddid għal persunithom, għall-unità domestika jew għal ħwejjiġhom li jirriżulta minn kawżi kriminali;

(d) 'tweġibha bi prokura' tfisser informazzjoni dwar persuna mogħtija minn membru ieħor tal-unità domestika ta' dik il-persuna;

(d) 'mikrodejta' tfisser rekords individwali ta' statistika;

(f) 'metadejta dwar il-kwalità' tfisser kull informazzjoni mogħtija mill-fornituri tad-dejta li tkun meqjusa utli għall-interpretazzjoni ta' dik id-dejta.

*Artikolu 3*

**Ambitu**

1. Kull Stat Membru għandu jittrażmetti lill-Kummissjoni (l-Eurostat) id-dejta stipulati fl-Anness I.

2. Il-mistoqsijiet dwar il-vjolenza sesswali għandhom jiġu mistoqsija separatament fuq bażi volontarja.

3. Bħala eċċezzjoni, Franza u l-Irlanda ma għandhomx ikunu rikjesti jiġbru dejta dwar il-vjolenza bejn il-membri tal-istess familja.

*Artikolu 4*

**Karatteristiċi tad-dejta u referenza ta' żmien**

1. Id-dejta għandha tinġabar abbażi ta' kampjun ta' unitajiet domestiċi jew persuni kif stipulat fl-Artikolu 5.

2. Id-dejta għandha tinġabar fl-2013.

3. Il-perjodu tal-osservazzjoni għandu jkopri t-12-il xahar **qabel il-ġbir tad-dejta.**

*Artikolu 5*

**It-teħid tal-kampjuni u d-daqs tal-kampjun**

1. Id-dejta għandha tkun ibbażata fuq kampjuni tal-probabbiltà rappreżentattivi tan-nazzjonalità.

2. Id-daqs tal-kampjun, ikkalkulat fuq is-suppożizzjoni ta' teħid ta' kampjuni sempliċi bl-addoċċ għandu jkun minimu ta':

(a) 8 000 persuna fi Stati Membri b'popolazzjoni ta' persuni ta' 16-il sena jew iktar li tkun ikbar minn 10 miljuni;

(b) 7 000 persuna fi Stati Membri b'popolazzjoni ta' persuni ta' 16-il sena jew iktar li tkun ikbar minn 5 miljuni u inqas minn 10 miljuni;

(c) 6 000 persuna fi Stati Membri b'popolazzjoni ta' persuni ta' 16-il sena jew iktar li tkun ikbar minn 1,5 miljuni u inqas minn 5 miljuni;

(d) 5 000 persuna fi Stati Membri b'popolazzjoni ta' persuni ta' 16-il sena jew iktar li tkun ikbar minn 0,5 miljuni u inqas minn 1,5 miljuni;

(e) 3 000 persuna fi Stati Membri b'popolazzjoni ta' persuni ta' 16-il sena jew iktar li tkun inqas minn 0,5 miljuni,

*Artikolu 6*

**L-unità tal-ġbir**

1. Il-popolazzjoni ta' referenza għandha tkun il-persuni kollha li jgħixu f'unitajiet domestiċi u li r-residenza abitwali tagħhom tkun fit-territorju tal-Istat Membru fil-waqt tal-ġbir tad-dejta.

2. Partijiet żgħar mit-territorju nazzjonali li fih mhux iktar minn 2 % tal-popolazzjoni nazzjonali jkollha r-residenza normali tagħha, kif ukoll it-territorji nazzjonali elenkati fl-Anness II, jistgħu jiġu esklużi mill-istħarriġ.

3. Id-dejta għandha tkun ta' persuni ta' 16-il sena jew iktar.

4. Mhumiex permessi tweġibiet bi prokura.

*Artikolu 7*

**Trażmissjoni u ġestjoni tad-dejta**

1. L-Istati Membri għandhom jittrażmettu l-mikrodejta kunfidenzjali lill-Kummissjoni (Eurostat) skont id-dispożizzjonijiet dwar it-trażmissjoni tad-dejta soġġetta għall-kunfidenzjalità stipulati fir-Regolament (KE) Nru 223/2009. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-dejta trażmessa ma tippermettix l-identifikazzjoni diretta tal-unitajiet domestiċi jew tal-persuni.

2. L-Istati Membri għandhom jibagħtu l-mikrodejta sal-31 ta' Lulju 2014. Il-mikrodejta għandha tkun akkumpanjata minn ġabra ta' tabelli definiti li jikkonsistu f'indikaturi dwar ir-rati tal-prevalenza fl-aħħar 12-il xahar, skont it-tip ta' kriminalità u s-sensazzjoni ta' sikurezza.

*Artikolu 8*

**Għoti ta' dejta u metadejta**

1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu l-mikrodejta u l-metadejta assoċjata dwar il-kwalità skont standard ta' skambju speċifikat mill-Kummissjoni (Eurostat). Il-mikrodejta u l-metadejta dwar il-kwalità għandhom jingħataw lill-Kummissjoni (Eurostat) permezz ta' mezzi elettroniċi, bl-użu tal-punt tad-dħul wieħed.

2. Il-Kummissjoni għandha tistipula, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, arranġamenti prattiċi għall-iskambju tal-metadejta. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 12(2).

*Artikolu 9*

**It-tqassim tad-dejta u l-aċċess għal dejta kunfidenzjali għal għanijiet xjentifiċi**

1. Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tqassam l-istatistika dwar is-sikurezza mill-kriminalità qabel il-31 ta' Diċembru 2014.

2. Il-Kummissjoni (Eurostat) tista' tagħti aċċess għad-dejta kunfidenzjali trażmessa skont dan ir-Regolament, fil-kundizzjonijiet stipulati fir-Regolament (KE) Nru 831/2002.

*Artikolu 10*

**Il-Valutazzjoni tal-kwalità**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw il-kwalità tal-mikrodejta trażmessa.

2. Għall-finijiet ta’ dan ir-Regolament, il-kriterji tal-kwalità kif imsemmija fl-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 għandhom japplikaw għad-dejta li trid tiġi trażmessa.

3. L-Istati Membri għandhom jipprovdu rapport lill-Kummissjoni (Eurostat) dwar il-kwalità tal-mikrodejta. Ir-rapport għandu jintbagħat mhux iktar tard minn xahar wara t-trażmissjoni tad-data.

4. Fl-applikazzjoni tal-kriterji tal-kwalità msemmija fil-paragrafuº2 tad-dejta koperta minn dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tiddefinixxi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-modalitajiet u l-istruttura dettaljata tal-fajls ta' metadejta dwar il-kwalità kif ukoll l-iskema tal-kodifikazzjoni tad-dejta. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 12(2).

5. Abbażi tar-rapporti msemmija fit-paragrafu 3, il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tevalwa l-kwalità tad-dejta trażmessa b'attenzjoni partikolari sabiex jiġi żgurat li d-dejta bejn l-Istati Membri tkun kumparabbli.

*Artikolu 11*

**Finanzjament**

1. Biex timplimenta l-istħarriġ, il-Kummissjoni għandha tagħmel kontribut finanzjarju lill-Istati Membri fl-għamla ta' għotja biex tgħinhom ikopru l-ispejjeż tal-ġbir, l-ipproċessar u t-trażmissjoni tad-dejta, inkluż l-ispejjeż għas-salarji tal-persunal fl-amministrazzjonijiet nazzjonali, soġġett għall-kundizzjonijiet stipulati fil-ftehim tal-għotja. L-għotja għandha tingħata lill-istituti nazzjonali tal-istatistika u lill-awtoritajiet nazzjonali oħra msemmija fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009.

2. L-ammont massimu tal-kofinanzjament tal-Unjoni ma jistax jisboq id-90 % tal-ispejjeż eliġibbli totali tal-proġett.

3. Il-kontribut finanzjarju għandu jiddependi fuq id-disponibbiltà tal-approprjazzjonijiet imdaħħla fil-baġit tal-Unjoni.

4. L-azzjonijiet iffinanzjati skont dan ir-Regolament ma għandhomx jirċievu assistenza minn strumenti finanzjarji oħrajn tal-Unjoni. Il-benefiċjarji għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni b'informazzjoni dwar kwalunkwe finanzjament ieħor li jkunu rċevew u dwar applikazzjonijiet għal finanzjament li għadhom għaddejjin.

5. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li, meta jiġu implimentati l-azzjonijiet iffinanzjati skont dan ir-Regolament, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jiġu protetti bl-applikazzjoni tal-miżuri preventivi kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra, b'kontrolli effettivi u l-irkupru tal-ammonti mħallsa bla dritt u, jekk jinstabu xi irregolaritajiet, b'penali effettivi, proporzjonati u dissważivi, skont ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95[12] u (Euratom, KE) Nru 2185/96[13] u r-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[14].

6. Għall-azzjonijiet iffinanzjati skont dan ir-Regolament, il-kunċett ta' irregolarità msemmi fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2988/95 għandu jfisser kwalunkwe ksur ta' obbligu kuntrattwali li jirriżulta minn att jew ommissjoni ta' operatur eknomiku, li għandu jew jista' jkollu l-effett li jippreġudika l-baġit ġenerali tal-Unjoni jew il-baġits amministrati minnha, permezz ta' element ta' nfiq mingħajr ġustifikazzjoni.

7. Il-kuntratti u l-ftehimiet li jirriżultaw minn dan ir-Regolament għandhom jipprovdu, b'mod partikolari, għas-superviżjoni u l-kontroll finanzjarju mill-Kummissjoni (jew

---

[12] ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1.
[13] ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2.
[14] ĠU L 136, 31.5.1999, p. 1.

minn kwalunkwe rappreżentant awtorizzat minnha) u għall-verifiki mill-Qorti tal-Awdituri, jekk ikunu meħtieġa, fuq il-post.

*Artikolu 12*

**Proċedura tal-Kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi megħjuna mill-Kumitat Ewropew għas-Sistema tal-Istatistika stabbilit mir-Regolament (KE) Nru 223/2009. Dan il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

*Artikolu 13*

**Dħul fis-seħħ u applikabilità**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jieqaf japplika fit-30 ta' Ġunju 2015.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew*<br>*Il-President* | *Għall-Kunsill*<br>*Il-President* |

## ANNESS I

**DEJTA LI GĦANDHA TINBAGĦAT LILL-KUMMISSJONI (EUROSTAT)**

1. Esperjenza tal-kriminalità skont it-tip ta' kriminalità:

1.1. Kriminalità marbuta mal-vetturi:

(1) serq tal-karozzi,

(2) serq mill-karozzi,

(3) serq tal-muturi,

